MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 28/1988/2

**Michael Camilleri bhala legittimu rapprezentant ta' ibnu minuri Wayde Camilleri, u b'nota prezentata fl-14 ta' Gunju 1990 l-imsemmi Wayde Francis Camilleri assuma l-atti tal-kawza f'ismu proprju peress li sar maggorenni**

**v.**

**Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni u t-Tabib Principali [recte: Tabib Principali tal-Gvern]**

**Il-Qorti**:

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell dwar il-likwidazzjoni tad-danni favur l-attur appellant b'rizultat ta' incident li sehh fix-xahar ta' Ottubru 1986 fi skola ta' snajja' filwaqt li kien qieghed jahdem fuq magna ta' vettura waqt lezzjoni. Is-sentenza appellata nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fit-2 ta' Ottubru 2007. Ir-rikors ta' appell ta' Wayde Francis Camilleri gie intavolat fid-19 ta' Ottubru 2007 u gie debitament notifikat lit-Tabib Principali tal-Gvern u lid-Direttur tal-Edukazzjoni fit-23 ta' Ottubru 2007. L-appellat Direttur tal-Edukazzjoni[1] ttanta jippresenta r-risposta tieghu fid-29 ta' Ottubru 2009 kontestwalment ma' rikors sabiex din il-Qorti tammetti tali risposta fl-atti ta' dan l-appell. Permezz ta' digriet tas-6 ta' Novembru 2009, din il-Qorti cahdet it-talba tal-appellat u ordnat l-isfilz tar-risposta tal-appell tad-Direttur tal-Edukazzjoni. L-appell (dwar is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2007) instema' u gie trattat fid-9 ta' Novembru 2009. Ghall-ahjar intendiment tal-odjerna sentenza qed tigi riprodotta il-parti relevanti tas-sentenza appellata – li, ghandu jinghad mill-ewwel, hi wahda studjata hafna, b'referenza kopjuza ghall-gurisprudenza tal-Qrati taghna, inkluza l-gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti – li tghid hekk:

"1. Ikun floku jekk fil-qasir jigu rikapitolati l-fatti ta' dan il-kaz li ilu pendenti quddiem il-Qrati 'il fuq minn ghoxrin (20) sena.

"(a) L-attur kien student fl-iskola tas-Snajja ta' Victoria, Ghawdex.

"(b) Fit-8 ta' Ottubru 1986 l-attur wegga' meta bicca hadida taret u laqtitlu ghajnejh b'rizultat li sofra griehi. Fid-data ta' l-incident l-attur kellu sittax-il sena u kien qieghed fit-tieni sena ta' kors ta' tlett snin sabiex igib il-kwalifiki ghal *motor mechanic*. Dakinhar kien qieghed izarma u

[1] It-Tabib Principali tal-Gvern ma kienx instab responsabbli ghall-akkadut bl-ewwel sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-1 ta' April 2003, u f'dan ir-rigward dik is-sentenza kienet giet konfermata minn din il-Qorti bis-sentenza in parte tal-1 ta' Dicembru 2006.

jerga’ jarma gear box, u fil-hin li sehh l-incident kien qieghed isammar b’martell tal-hadid. Il-martell uzah biex idahhal *shaft* tal-*gear box*.

“(c) L-ghalliem kien Emmanuel Grech u mill-provi rrizulta li kien illarga ghal xi hin mill-klassi u mar f’kamra ohra fejn kien qieghed isir xi xoghol minn haddiema tad-Dipartiment tax-Xogholijiet. F’dan l-intervall gara l-incident. Irrizulta li l-istudenti ma kellhomx taghmir ta’ sigurta`.

“(d) B’rizultat tal-griehi li garrab f’dan l-incident, l-appellant sofra makkjatura fil-*cornea* u tnaqqsitlu l-vista.

“(e) Fir-rapport imhejji mill-perit mediku Dr. Mario Tabone datat 11 ta’ Settembru 1995, jinghad:- *“This patient was hammering at school in 1986 when he sustained a penetrating injury of Left Eye. He had an operation to remove metallic foreign body and a subsequent intervention to deal with a cataract. On examination (7/6/1994): The right eye is normal with visual acuity of 6/6. The left eye is aphapkic (i.e. without a lens), has an eccentric pupil, with an anterior synechiae and there seems to be macular puckering. The patient has no binocular vision. The left eye can only correct to 6/60 with approximately + 10 D.S. The central vision of the left eye is severely damaged. Disability 30%”*[2].

“(f) Fir-rigward tad-danni, il-perit legali Dr. Alfred Grech illikwida s-somma ta’ tletin elf lira Maltija (Lm30,000) bhala danni[3]. Bhala gwida l-perit legali ghamel il-kalkoli tieghu fuq paga ta’ disgha u erbghin lira Maltija (Lm49) fil-gimgha u rata ta’ debilita` ta’ tletin fil-mija (30%). Fir-rigward ta’ multiplier ha perjodu ta’ erbghin (40) sena.

“2. Ghal dak li jittratta spejjez li setghu saru mill-attur minhabba l-griehi li garrab fl-incident, ma tressqu l-ebda provi. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet prezentata fit-28 ta’ Mejju 2007 (fol. 485) l-attur iddikjara: *“illi dwar il-kwistjoni ta’ danni l-esponenti jixtieq biss jirrimarka li bhala*

[2] Fol. 314
[3] Fol. 162.

*damnum emergens ma hemm xejn stante li kaz gara tant snin ilu"*.

"3. **Multiplier**:- Fir-rigward tal-multiplier, ikun floku li jittiehed perjodu ta' hamsa u tletin (35) sena. Sabiex waslet ghal dan il-perjodu l-Qorti qieset l-osservazzjonijiet li saru mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut v. Eric Zammit** deciza fit-3 ta' Dicembru 2004, fejn fost affarijiet ohra l-Qorti qieset ukoll il-fatt li ghalkemm irrizulta li l-attur kien milqut minn dizabilita` ta' natura permanenti bhala rizultat ta' l-incident, *"ma jidhirx li din id-dizabilita` b'xi mod effettwat avversament sew l-introjtu tieghu kif ukoll l-avvanz fil-karriera tieghu…. Lanqas ma jirrizulta li d-dizabilita` ser tizdied fil-futur – bhal per ezempju meta jkun hemm griehi fil-ghadam li jaghti lok ghall-artrite prekoci jew progressiv – b'mod li tista' tfixkel l-kapacita` lavorattiva ta' l-attur"*. F'dik il-kawza l-attur kellu sbatax (17) il-sena meta gara l-incident. L-Ewwel Qorti kienet ghamlet il-kalkoli fuq multiplier ta' 44 sena, mentri l-Qorti ta' l-Appell stabbilit multiplier ta' 35 sena. Insenjament li l-Qorti ma tarax ghalfejn m'ghandux japplika wkoll ghal dan il-kaz mehud in konsiderazzjoni li c-cirkostanzi li ssemmew mill-Qorti ta' l-Appell jirrizultaw wkoll fil-kaz tal-lum.

"4. **Grad ta' Debilita`**:- Fir-rigward tal-grad ta' dizabilita`, il-perit mediku rrelata li l-attur qieghed ibati minn debilita` ta' tletin fil-mija (30%) minhabba l-griehi li garrab f'ghajnejh ix-xellugija[4]. Il-Qrati taghna kellhom okkazzjoni sabiex jittrattaw kazijiet simili. Jidher li huwa accettat li t-telf komplet ta' vista ta' ghajn wahda jgib mieghu debilita` fi grad ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) ghalkemm hemm ukoll sentenzi li f'tali cirkostanzi r-rata ta' debilita` ghandha tkun ta' tnejn u ghoxrin punt hamsin fil-mija (22.5%)[5]. Fil-kaz odjern ma jirrizultax li bil-griehi li garrab

---

[4] 314.

[5] Ara per ezempju f'dan is-sens sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili **Paul Xuereb noe v. Emanuel Xuereb proprio et noe** tal-5 ta' Ottubru, 1995; Prim Awla tal-Qorti Civili **Joseph Cini v. George Wells et noe** deciza fid-29 ta' Mejju 2001; Prim Awla tal-Qorti Civili **Patrick Bezzina et noe v. Il-Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani** tal-20 ta' Ottubru 2005. Fil-kawzi **Joseph Abela v. Martin Spagnol** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Marzu 1993 u **Anthony Portelli v. Charles Galea et** deciza

f'ghajnejh ix-xellugija, l-attur tilef il-vista tal-ghajn. Skond it-tabib Dr. Richard Soler[6], *"nuccali ma nistghux naghmlulu ghaliex il-qawwa tal-lenti tfixkillu l-ghajn it-tajba u ghalhekk prezentement il-vista mill-ghajn affettwata tilhaq biss, sal-ghadd tas-swaba cioe' distanza ta' metru minghajr in-nuccali. Din hija xi haga permanenti u ma tiggravax[7] ruhha"*. Sfortunatament, fir-rapport tal-perit mediku ma jinghadx kif wasal biex jiffissa debilita` permanenti ta' tletin fil-mija (30%). Il-Qorti qeghda tifhem, partikolarment mix-xhieda ta' Dr. Richard Soler li mill-ghajn ix-xellugija l-attur (bla nuccali) jista' jara mill-vicin biss. Ma jirrizultax jekk il-perit mediku ghamilx uzu mill-formola stabbilta fis-sentenzi fuq citati u li tintuza meta wiehed isofri debilita` permanenti f'ghajnejh. Wiehed ghandu suppost jasal f'punt fejn jasal biex jara x'konsegwenzi tali debilita` ggib fuq dak li jissejjah bhala *"individual industrial efficiency"* [8]. Il-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut v. Eric Zammit** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Dicembru 2004, kienet ukoll tittratta debilita` f'wahda mill-ghajnejn tal-attur. Il-konvenut kien ikkontesta l-grad ta' dizabilita` fuq il-fatt li ma ntuzatx il-formola accettata mill-gurisprudenza. Il-Qorti tal-Appell kellha dan xi tghid:- *"….ir-rapport tal-esperti medici addizzjonali ma jispecifika ebda mod kif l-istess esperti waslu ghall-konkluzjoni taghhom fir-rigward tal-percentwali ghall-ocular disability. Mhux eskluz ghalhekk li dawn setghu, fil-konsiderazzjonijiet taghhom, hadu konjizzjoni ta' dak li qed isostni l-konvenut. Kien jispetta lill-istess konvenut li f'dak l-istadju jeskuti lill-periti addizzjonali biex jaccerta ruhu dwar is-sistema xjentifika uzata minnhom. F'dan l-istadju dan l-ilment jidher li huwa tardiv"*. Argumenti li jidher li japplikaw fil-kaz tal-lum. Madankollu, gialadarba jirrizulta li l-attur ghadu jara mill-ghajn li ghandha debilita`

---

mill-istess Qorti fl-1 ta' Ottubru 1996, it-telf tal-vista minn ghajn wahda gie stabbilit f'22.5%.

[6] Fol. 239.

[7] Ara fol. 263 a tergo.

[8] "Stabbilit illi t-telf tal-vista ta' ghajn wahda ma timportax awtomatikament ir-riduzzjoni bin-nofs tal-kapacita` ghax-xoghol tal-individwu, hu sewwa li jigu segwiti l-awturi awtorevoli in materja li hassew il-htiega ta' *weighted average* f'dawn ic-cirkostanzi. Iwasslu ghall-formola matematika li segwew il-periti addizzjonali" (**Joseph Abela v. Martin Spagnol** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Marzu 1993).

permanenti u applikati l-kriterji tal-gurisprudenza, ir-rata ta' dizabilita` m'ghandix tkun dik ta' 30% u ghalhekk il-Qorti ser tirrevediha. Il-Qorti qeghda tirrevedi r-rata ghall-persentagg ta' sbatax fil-mija (17%), mehud in konsiderazzjoni li l-gurisprudenza ffissat rata ta' 22.5% jew 25% ghal telf ta' vista f'ghajn wahda meta l-ghajn l-ohra tkun tajba (kif jirrizulta li hu f'dan il-kaz).

"5. **Lump sum Payment**:- Mid-data ta' l-incident (8 ta' Ottubru 1986), tista' tghid li ghaddew wiehed u ghoxrin (21) sena. Ghalhekk fuq l-iskorta tal-gurisprudenza m'hemmx lok li jsir tnaqqis ghal *lump sum payment* [9].

"6. **Introjtu**:- Mill-provi ma jirrizultax li l-griehi li garrab l-attur f'ghajnejh ix-xellugija effettwatu b'mod negattiv fil-kapacita` ta' dhul. Madankollu, il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **A. Zerafa et v. J. Sacco et** deciza fl-1 ta' Dicembru 2006 iddikjarat:-*"din il-Qorti ma thoss li ghandha xi zzied ma' dak li qalet l-ewwel Qorti dwar id-dritt ta' kumpens meta ma jkunx hemm dizabilita` funzjonali billi llum huwa generalment rikonoxxut li kull dizabilita`, anke jekk fl-apparenza ma ghandha ebda effetti fuq il-kapacita` lavorattiva ta' dak li jkun, xorta wahda hemm dritt ta' kumpens billi qatt ma jista' jigi eskluz l-effett dirett jew indirett fuq tali potenzjal. F'dan is-sens din il-Qorti*

[9] Ara f'dan is-sens **Mark Caruana v. Grazio sive Horace Camilleri** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1993; **Emanuel Agius v. Mario Borg** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Novembru, 1995; **Arthur Bonello nomine v. James Camilleri et**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Jannar 1998 (incident kien sehh 10 snin qabel u ghalhekk il-Qorti ddikjarat li kien opportun li ma jsir ebda tnaqqis ghal-*lump sum payment*); **Anthony Borg nomine v. Jesmond Bugeja**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1992: *"Il-gurisprudenza recenti, gia affaccjata minn din il-Qorti kif presjeduta f'kazi ohra, hi fis-sens li dan it-tnaqqis hu gust li ma jsirx meta jkunu ghaddew hafna snin minn meta sar l-incident sakemm ikun gie finalment determinat il-kumpens dovut. Kien gie hekk deciz in parte biex jovvja ghall-fatt li ma jiddekorrux imghax fuq ammont da liquidarsi"*; **Mary Ciappara et v. Anthony Farrugia**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Dicembru 1993; **Silvio Cassar v. Crocefisso Gauci**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Jannar 1993; **Paul Bajada v. Andrew Farrugia**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1994; **Edwin Zammit v. Joseph Coppola**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1994; **Joseph Abela v. Martin Spagnol**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Marzu 1993; ara wkoll **Turner v. Agius** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Novembru 2003.

*tikkondividi l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti li d-danni likwidati ma humiex ta' natura morali izda jirriflettu r-realta` tas-sitwazzjoni tad-danneggjat".* Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Michael Balzan v. Lawrence Ciantar noe** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Frar 2006 gie osservat: *"Il-Korporazzjoni appellanti tilmenta wkoll mill-fatt li d-dizabilita` permanenti li sofra l-attur appellat ma kellha l-ebda impatt fuq il-qliegh tieghu in kwantu mill-provi rrizulta li sab impjieg full-time li rrendilu hafna iktar minn dak li kien jaqla' fil-mument ta' l-incident. Dan il-fatt fih innifsu ma jfissirx li l-appellat m'huwiex intitolat li jitlob hlas ta' kumpens. Fil-kawza* ***Edgar Gatt v. Oliver Theuma*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' April 1987, inghad:- "…. Il-fatt li min isofri lezjoni jkompli jahdem, sija pure fl-impjieg li kellu qabel l-incident… ma jipprekludihx li jiehu danni meta huwa bhala konsegwenza ta' l-incident kien sofra dizabilita` permanenti. Dik id-dizabilita` permanenti tista' dejjem tkun ta' xkiel ghalih fil-futur li jimmiljora l-posizzjoni finanzjarja tieghu, u kwindi ghal din ir-raguni huwa intitolat ghad-danni li jista' jsofri bhala konsegwenza taghha"."* Bl-istess mod fis-sentenza tal-istess Qorti moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Galea v. Pierre Scicluna** deciza fit-13 ta' April 2007, dan il-principju rega' gie kkonfermat. Il-Qorti ssottolinejat li jekk ma takkoljix it-talba ta' danni minhabba li l-incident ma jkunx effettwa l-introjtu tal-vittma, *"kif irriteniet din l-Qorti (diversament komposta) "[i]l-ligi taghna diga` ma taghti l-ebda kumpens ghad-danni morali f'kazijiet bhal dawn u cioe` ma taghti l-ebda kumpens ghall-ugiegh u skumditajiet li min isofri debilita` permanenti necessarjament jghaddi minnhom. Lanqas tipprospetta kumpens ghal dak li jirrigwarda n-nuqqas tal-kwalita` ta' hajja li min ikollu debilita` permanenti necessarjament ikollu jghaddi minnha"*[10]*. B'hekk il-Qorti tkun qieghda twettaq ingustizzja fir-rigward ta' l-appellat jekk ma' tatihx kumpens adegwat ghad-dannu li sofra"* (ara wkoll sentenzi fuq l-istess linja li din il-Qorti ghamlet riferenza ghalihom fis-sentenza tas-26 ta' Lulju 2007 moghtija fil-kawza **Michael Camilleri v. Anthony Portelli**). Kazijiet ohra huma **Susan Davies et v.**

---

[10] Estratt mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Attard v. Carmelo D'Amato** deciza fit-22 ta' Ottubru 2002.

**Anthony Galea** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ Ottubru 1997 u **Joseph Caruana v. Joseph Gafa** deciza fid-29 ta’ Mejju 1998 mill-istess Qorti, fejn ukoll intlaqghet talba ghall-hlas ta’ danni minkejja illi ddanneggjat kien kompla b’xogholu u ma sofra l-ebda telf fil-qliegh tieghu. F’dawn iz-zewg sentenzi l-Qorti esprimiet il-perplessita` taghha dwar dak li jinghad fil-ligi u l-interpretazzjoni li kienet qeghda tinghata mill-Qrati u ma naqsitx milli tikkritika s-sistema li kienet qeghda tigi addottata, ghalkemm waslet ghall-konkluzjoni li *“fl-izvilupp prezenti tal-gurisprudenza taghna huwa forsi necessarju li l-bzonn ta’ certezza u nuqqas ta’ ambigwita` jimponu teorija li tezigi li kull tip ta’ disabilita` permanenti twassal ghat-telf futur fil-proporzjon tal-percentagg taghha”*. Fil-fehma tal-Qorti hu floku li jigu ntrodotti emendi fil-ligi (Artikolu 1045 tal-Kodici Civili) sabiex din tkun tirrifletti ahjar l-interpretazzjoni li qeghda tinghata mill-Qrati f’kazijiet ta’ din ix-xorta.

“Ghal dak li jittratta likwidazzjoni ta’ danni, certament li f’dan il-kamp *“il-kwantifikazzjoni tad-danni hija f’latitudini wiesa’ imhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn certament ma humiex assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta ir-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat”* (**Paul Bottone et v. Rita Saliba et** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ Jannar 2003). Permezz ta’ digriet moghti fid-9 ta’ Lulju 2007 (fol. 488), il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u ordnat lill-attur sabiex iressaq provi dokumentarji tad-dhul tieghu ghal kull sena mid-data li sehh l-incident (8 ta’ Ottubru 1986) sal-lum.

“Fis-seduta tas-26 ta’ Settembru 2007 l-attur ipprezenta dokumenti (AE1-AE23) minn fejn jirrizulta li l-introjtu gross li kellu matul is-snin kien hekk:-

| | |
|---|---|
| 1989- 719.24 | 2000- 4,225 |
| 1990 – 1031.14,5 | 2001 - 7,841.60 |
| 1991 – 1188.83,7 | 2002 - 6,116.19 |

1992 – 1306.17,9
1993 - 3,674.55,2
1994 - 2,854.24,8
1995 - 3,195.84
1996 – 3,286
1997 – 3,676.86,6
1998 – 3,976
1999 – 4,253.38,6
2003 - 6,317.63,2
2004 – 6,491.56,2
2005 – 6,636.17,3
2006 – 6,663.74,5

"Matul is-snin 2003 sa 2006, l-attur kellu dhul iehor minn xoghol *part-time* li jaghmel (Dok. AE9 – AE12). Id-dhul nett kien ta' Lm480 ghas-sena 2003, Lm518 ghas-sena 2004, Lm472 ghas-sena 2005 u Lm 291 ghas-sena 2006[11].

"Il-gurisprudenza hi fis-sens li m'ghandux isir tnaqqis ghal taxxa (P.A.Y.E) jew kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali meta ssir il-likwidazzjoni ta' danni ghat-telf ta' qliegh futur. F'dan is-sens huma per ezempju s-sentenzi:

- **Carmela Muscat proprio et nomine v. Francis Schembri et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Jannar 1972;
- **Michael Caruana v. Raloph sive Raphael Farrugia** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Novembru, 1983;
- **Avukat Dr. Giovanni Bonello noe v. Tarcisio Gatt** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Lulju 1980;

---

11 Fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Galea v. Giovanna Antida Pace** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Ottubru 2006, fil-kalkolu tal-*lucrum cessans* il-Qorti nkludiet qliegh minn sahra. Ara wkoll f'dan is-sens sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Pacifico Fenech v. William Ronald Murphy** deciza fit-3 ta' Ottubru 2003. Imbaghad fil-kawza **Joseph Cini v. George Wells et nomine** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civil l-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-*weekly shift* allowance li kien jircievi d-danneggjat. Fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Debrincat et v. Mary Rose Vella et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Marzu 1992, il-Qorti kienet propensa li l-qliegh ikun jinkludi l-qliegh minn xoghol barrani li kien jaghmel id-danneggjat apparti x-xoghol normali, ghalkemm f'dak il-kaz il-Qorti kkonkludiet li ddanneggjat ma kienx ressaq provi sodisfacenti li kien qieghed jaghmel dak it-tip ta' xoghol.

- **Maria Pace proprio et nomine v. Joseph Abela** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Mejju 1993.

“Fl-ewwel sentenza l-Qorti osservat li ghandha biss il-kompitu li tillikwida d-danni ghat-telf ta’ qliegh futur u mhux *“…taghmilha ta’ speci ta’ tax collector bir-rizultat li tiffavorixxi d-debitur tad-danni u taggrava lid-danneggata, in kwantu l-ewwel wiehed jigi jhallas inqas milli ghandu proprjament jigi likwidat u t-tieni wiehed, ghall-bzonn, ikun irid jerggha jaraha mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, bil-possibilita` li jkun gie qiesu hallas it-taxxa darbtejn, darba lid-debitur u darb’ohra, fuq is-somma gia` minorata, lill-Gvern. Fi kwalunkwe kaz l-income tax ghandha tithallas lill-Gvern u mhux lid-debituri ta’ obbligazzjonijiet civili u l-kalkolu taghha jista’ jiddependi fuq diversi cirkostanzi, fir-rapport intern bejn il-Gvern u d-danneggat, li l-Qorti ma tkunx taf xejn fuqhom, u ghalhekk il-Qorti lanqas m’ghandha biss tesprimi opinjoni, fuq haga li mhix ta’ kompetenza taghha”*.

“Din il-kwistjoni qamet ukoll fil-Qrati Inglizi u hemm fehmiet divergenti. Fil-kawza **M’Daid v. Clyde Navigation Trustees**[12], Lord Sorn esprima l-fehma li ghal fini ta’ likwidazzjoni ta’ danni biex tinjora l-aspett tat-taxxa ma jkun xejn ghajr li tagixxi b’mod li ddeskrivieh *“out of touch with reality”*. Spjega li *“It seems to me that, when you get a liability to which all earnings are subject and which depends not upon circumstances peculiar to the individual but upon a general law of the land universal in its application, it would be wrong to ignore the existence of that liability”*.

“Fis-sentenza moghtija mill-House of Lords fil-kawza **British Transport Commission v. Gourley**[13]**,** li wkoll kien kaz ta’ Danni fuq il-persuna, gie kkonfermat li *“…the likely incidence of taxation must be taken into account in assessing damages for lost earnings. The plaintiff will therefore only be awarded a sum representing his gross*

---

[12] 1946 SC 462.
[13] 8 ta’ Dicembru, 1955; [1956] A.C. 185; [1955] 3 All E.R. 796.

*pre-tax income….. In Cooper v Firth Brown Ltd it was held that the Gourley principle also applied in respect of the plaintiff's social security contributions, and that a sum representing these too should be taken into account"* (***The Modern Law of Negligence***, R. A. Buckley, Butterworths, 1993 pagna 165).

"Fis-sentenza diga` citata fl-ismijiet **Darren Sammut v. Eric Zammit,** il-Qorti addottat sistema ta' kalkolu innovattiv fir-rigward ta' telf ta' qliegh ghal dawk is-snin li jkun diga` ghaddew mid-data ta' l-incident. Sistema li din il-Qorti taqbel maghha u ser tapplikaha. F'dik is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell, filwaqt li rriformat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, iddikjarat li bejn id-data ta' l-incident (1995) u sena 2000 l-introjtu kien wiehed stabbilit: *"**<u>Hawn ghalhekk mhux si tratta ta' kalkolu fittizzju progettat fil-futur, izda certezza u konsegwentement ghaz-zmien li l-introitu ta' l-attur kien maghruf u cioe` bejn in-1995 u it-2000, bla pregudizzju ghal 'lucrum cessans' futur, l-attur ghandu jigi kompensat bir-rata ta' 18% tal-introitu kollu ghall-perjodu in kwistjoni</u>**; u cioe` 18% tas-somma globali ta' LM19,124.74 ekwivalenti ghas-somma ta' LM3,442.45 – dana kontra s-somma ta' LM4,800 li giet likwidata ghall-istess perjodu rappresentanti 18% mis-somma ta' LM27,000 li jirrapresentaw l-introitu ta' sitt snin b'rata ta' LM4,500 fis-sena. Naturalment id-29 sena l-ohra ta' kumpens ghal telf futur ma ghandhomx jigu disturbati billi hemm inkunu fil-kamp ta' incertezza u ghal dan il-perjodu ghandha tigi adottata l-figura ta' LM4,500 bhala introitu annwu ta' l-attur"* (sottolinejar tal-Qorti). Anke f'dik il-kawza parti mill-perjodu kien relatat ma' zmien li fih il-vittma kien ghadu qieghed jistudja.

"Pero` din il-Qorti tqis li l-kalkolu ghandu jsir fuq id-dhul nett (mhux id-dhul gross) li kellu l-attur matul dawn is-snin kollha in kwantu ghas-snin 1987 sa 2006 m'hemm l-ebda incertezza u jirrizulta xi hlas ghamel l-attur kemm fir-rigward tat-taxxa u kontribuzzjonijiet socjali. F'dawn ic-cirkostanzi ma ghandnix l-element ta' kongettura li nsibu fejn qieghed isir *"kalkolu fittizju progettat fil-futur"* u anzi nafu b'certezza xi qliegh kellu l-attur. Dan apparti l-fatt li

hu maghruf li dhul mill-impjieg hu soggett ghall-hlas ta' taxxa u hlas ta' kontribuzzjonijiet socjali, ammonti li qatt ma kien ser jircievi l-attur. Dan iktar u iktar mehud in konsiderazzjoni li kif tajjeb osservat il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fuq citata, *"fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala 'lucrum cessans' – jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu"*, iktar u iktar meta wiehed iqies li fil-kamp ta' likwidazzjoni ta' danni l-principju generali hu li *"….the plaintiff should, as nearly as possible, be put into the position he would have been in if the wrong had not occurred. A necessary corollary of this principle is that the plaintiff should not be overcompensated"* (***Assessment of Loss in Personal Injury Cases***, Lesley J. Anderson, Modern Law Review Vol. 50, No. 7 (Nov. 1987) pagna 963). Inoltre, l-Qorti tkompli ssahhah din il-fehma in kwantu f'dan il-kaz il-griehi (ghalkemm serji) li garrab l-attur ma waslux sabiex taw lok ghal xi telf ta' qliegh. Mid-dokumenti AE1-AE23 jirrizulta li d-dhul nett kien ta' wiehed u sittin elf disgha mija u tnejn u tletin elf lira Maltija u sebgha u disghajn centezmu (Lm61,932.97) ma' liema somma jrid jizdied id-dhul ghas-snin 1987 u 1988 u dhul mill-*part-time* ta' elf sebgha mija u wiehed u sittin lira Maltija (Lm1,761). Fir-rigward ta' dawn is-snin il-Qorti m'ghandhix informazzjoni u ser timxi fuq l-istess cifra ndikata ghas-sena 1989, igifieri Lm663.08 ghal kull sena. Ghalhekk ammont totali ta' hamsa u sittin elf u ghoxrin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm65,020.13). Ghalhekk 17% (rata ta' debilita' permanenti) ta' dan l-ammont hu ta' **hdax-il elf u tlieta u hamsin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm11,053.42)**.

"Jifdal imbaghad dhul ghall-hmistax (15) il-sena l-ohra li ser jigu kalkolati fuq il-bazi tal-ahhar dhul li kellu l-attur ghas-sena 2006, cjoe` ta' sitt elef sitt mija u tlieta u sittin lira Maltija (Lm6,663) u li dan jirreferi ghall-qliegh tal-futur. F'dan l-ammont hemm inkluz hlas li jirreferi ghall-*allowances*. Pero` mid-dokumenti ezebiti mill-attur jirrizulta

li issa ilu s-snin jircievi *allowances*[14]. Il-Qorti lanqas mhi ser taghmel tnaqqis ghall-hlas ta' taxxa u kontribuzzjoni tas-sigurta` socjali u hi tal-fehma li jekk il-kalkolu jsir fuq din ic-cifra jkun qieghed jinzamm bilanc bejn id-drittijiet tad-danneggjat u min hu responsabbli. Hu fatt li hawnhekk qeghdin fil-kamp ta' l-incertezza pero` wara li l-Qorti qieset is-salarju u dhul iehor li kellu l-attur matul dawn l-ahhar sitt snin, hi tal-fehma li kalkolu fuq din ic-cifra jkun ekwu u gust. Ghalhekk f'dan ir-rigward l-ammont ta' danni li qeghdin jigu likwidati favur l-attur ghall-perjodu tal-hmistax (15) il-sena li fadal huma s-segwenti:- Lm6,663 x 17% x 15 sena = **sittax-il elf disgha mija u disghajn lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm16,990.65)**.

"Ghalhekk l-ammont globali dovut lill-attur bhala danni hu ta' tmienja u ghoxrin elf erbgha u erbghin lira Maltija u sebgha centezmi (Lm28,044.07) [Lm11,053.42 + Lm16,990.65].

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi, tillikwida d-danni fl-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf erbgha u erbghin lira Maltija u sebgha centezmi (Lm28,044.07), u tikkundanna lill-konvenut Direttur ta' l-Edukazzjoni sabiex ihallas is-somma hekk likwidata bl-imghax legali mil-lum[15].

---

[14] Fil-kawza fl-ismijiet **Carmel Debrincat v. Kemmuna Limited** deciza fit-28 ta' Settembru 2007, il-Qorti ta' l-Appell osservat li "*din il-Qorti tosserva li ghalkemm huwa minnu li dawn il-Qrati dejjem agixxew b'kawtela meta gew biex jikkonsidraw hlasijiet extra ghal fini ta' sahra ("overtime"), b'mod li ddistingwew bejn paga bazika u hlasijiet ohra ta' natura kontingenti, pero` jibqa' dejjem prezenti l-fatt* ***li kull kaz ghandu jigi trattat u deciz fuq dawk il-fattispecji attinenti ghalih. Hekk jirrizulta li fil-kaz in ezami, l-attur wera li huwa kien jircievi hlas ghal "overtime" fuq bazi regolari u fuq firxa twila ta' snin – f'ammonti modesti u kontenuti*** *– liema pretensjoni ma gietx ribattuta bi provi kontrarji mill-parti avversa. Kwindi, din il-Qorti ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tirriforma s-sentenza kif moghtija taht dan l-aspett".*

[15] *"L-appellat issottometta wkoll illi l-appellant ghandu jigi kkundannat ihallas interessi fuq l-ammont likwidat middata ta' l-incident sad-data tal-hlas effettiv18. Madankollu, kif*
*sottomess mill-appellant fir-risposta tieghu, il-gurisprudenza tal-Qrati taghna irriteniet kostantement li m'ghandhomx jithallsu imghaxijiet sakemm is-somma mitluba ma tigix likwidata. Per ezempju fis-sentenza* ***Vivian Charmaine Mizzi v. Carmel Mizzi*** *deciza fit-30 ta' Gunju, 2004 din il-Qorti qalet illi "… imghaxijiet jistghu biss jigu komputati jewakkordati in linea ta' danni minhabba dewmien fl-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni meta l-oggettta' l-*

"Spejjez ghall-konvenut id-Direttur ta' l-Edukazzjoni, salv ghal dawk li diga' gew decizi."

**L-appell**

**2.** L-aggravji tal-attur kontra din is-sentenza jirrigwardaw il-moltiplikatur, il-grad ta' debilita`, kif ukoll l-introjtu. It-talba tal-appellant hija s-segwenti:

"...l-esponent filwaqt li jaghmel referenza ghall-provi prodotti u dawk producibbli skond il-ligi, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti tal-appell tilqa' dan l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fit-2 ta' Ottubru 2007 fis-sens illi fir-rigward tal-multiplier jittiehed perjodu ta' erbghin (40) sena minflok hamsa u tletin (35) sena, fir-rigward tal-grad ta' dizabilita` permanenti tigi dikjarata rata ta' tletin fil-mija (30%) minflok sbatax fil-mija (17%), fir-rigward tal-introjtu ghall-ewwel ghoxrin sena ghas-snin 1987 sal-2006 fuq id-dhul gross minflok fuq id-dhul nett, u ghar-rigward tar-rimanenti ghoxrien [<u>recte</u>: ghoxrin] sena fuq dhul annwu medju ta' tmint elef lira Maltin (Lm8000) minflok fuq is-somma ta' sitt elef, sitt mija u tlieta u sittin lira Maltin (Lm6,663), bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat Direttur ta' l-Edukazzjoni."

**3.** Risposta ghall-appell m'hemmx peress li, kif diga` gie osservat, din kienet giet ipprezentata (jew ahjar l-appellat Direttur tal-Edukazzjoni ttanta jippresentaha) ma' rikors madwar sena wara li gie pprezentat <u>u debitament notifikat</u> ir-rikors tal-appell, u din il-Qorti kienet ordnat l-isfilz taghha.

*<u>Dwar il-Moltiplikatur:</u>*

---

*obbligazzjoni jkun hlas ta' somma determinata. Konsegwentement kontra debitu incert jew mhux likwidu ma jistghux jiddekorru imghaxijiet." Ghalhekk dana l-aggravju ma jistax jigi milqugh*" (**E. Galea v. P. Scicluna** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' April 2007).

**4.** Fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2009 quddiem din il-Qorti, l-appellant iddikjara li huwa kien qieghed jirtira l-ewwel aggravju tieghu jigifieri dak li ghandu x'jaqsam mal-moltiplikatur, izda zamm fermi l-aggravji dwar id-debilità u dak dwar l-introjtu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**5.** Din il-Qorti, ghalhekk, ghandha quddiemha appell li fih zewg (2) aggravji li jikkoncernaw id-determinazzjoni tal-quantum tar-rizarciment u cioe`:

a. aggravju dwar il-percentwali tad-debilita` permanenti li giet ikkunsidrata; u,
b. aggravju dwar il-kalkolu tal-introjtu.

*Dwar il-Percentwali ta' debilità:*

**6.** Fl-aggravju tieghu dwar il-grad ta' debilità, l-appellant jirreferi ghas-sentenza tal-ewwel Qorti tal-1 ta' April 2003 (cioe` dik li giet eventwalment riformata bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-1 ta' Dicembru 2006) u jislet bran minn dik is-sentenza fejn issir referenza ghall-konkluzjoni tal-espert mediku nominat. Is-silta in kwistjoni tghid hekk: "*L-espert mediku nominat ikkonkluda illi 'the central vision of the left eye is severly damaged' u ddertermina d-disabilita' fi grad ta' tletin fil-mija (folio 314) li tidher konsoni mal-entita' tad-dannu subit konsiderat li l-vizwali tieghu wara l-incident twassal sal ponot ta' subghajh biss.*" L-appellant dwar din is-silta jissottometti li "*minn tali konkluzjoni gudizzjarja dwar il-grad ta' delibilità permanenti ma sar l-ebda appell u konsegwentement jigi umilment sottomess illi il-gudizzju fuq dan l-aspett ghadda in gudikat.*" Din il-Qorti, izda, ma tistax taqbel ma din is-sottomissjoni tal-appellant (sottomissjoni li tirrazenta l-fieragh) Jidher car li f'din is-silta l-ewwel Qorti kienet biss qed tirriproduci x'qal il-perit mediku u ma kienitx qed tiddeciedi hi – cioe` dik il-Qorti – li effettivament dan kien il-grad ta' debilita` jew dizabilita` li kien qed jigi stabbilit ghall-finijiet ta' xi likwidazzjoni ta' danni. Dan jidher ukoll car mis-sentenza, jew ahjar, mill-paragrafu li jigi minnufih wara s-silta appena riprodotta,

fejn dik il-Qorti ghamlitha cara li l-ewwel haga li hi kellha tiddeciedi – u ghalhekk qabel ma jigi deciz minnha x'percentwali ta' dizabilita` kien hemm f'din il-kawza – kien il-punt jew kwistjoni tar-responsabbilita`. Effettivament l-ewwel Qorti f'dik l-ewwel sentenza kienet sabet li ma kien hemm ebda responsabbilta` la tad-Direttur tal-Edukazzjoni u lanqas tat-Tabib Principali tal-Gvern, konkluzjoni li, pero`, giet varjata minn din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza taghha tal-1 ta' Dicembru 2006. Fi kliem iehor, il-percentwali ta' dizabilita` qatt ma giet deciza mill-ewwel Qorti.

**7.** L-appellant ma qabilx mal-percentwali ta' sbatax fil-mija (17%) li bis-sahha tad-diskrezzjoni taghha waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Skond l-appellant il-percentwali ghandha tkun tletin fil-mija (30%) abbazi tar-rapport tal-espert mediku, anke peress illi ma saritx eskussjoni u ma ntalabx li jinhatru periti perizzjuri. L-appellant irrefera ghas-sentenzi **Darren Sammut v. Eric Zammit** u **Saviour u Violet Sammut v. Robert Demanuele** in sostenn tat-talba tieghu li l-percentwali ta' debilità ghandha toghla.

**8.** Dwar xi kriterji ghandhom japplikaw ghall-kaz in dizamina, din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza **Joseph Abela v Martin Spagnol**[16] (li ghaliha saret referenza anke mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata), fejn il-Qorti kienet tal-fehma li "*l-formula li biha gie stabbilit il-persentagg mill-periti addizzjonali – waqt li ma tnaqqas xejn mill-gravità tad-debilità intrinsika u mill-fatt stabbilit li l-attur tilef ghal kollox l-uzu funzjonali ta' ghajnejh ix-xellugija, fatt dan li dwaru l-esperti medici huma konkordi – jaghti ukoll piz debitu lill-konsegwenzi li tali telf ta' dawl minn ghajn wahda, ihallu fuq l-"individual industrial efficiency" tal-attur. Stabbilit illi t-telf tal-vista ta' ghajn wahda ma timportax awtomatikament ir-riduzzjoni bin-nofs tal-kapacità ghax-xoghol tal-individwu, hu sewwa li jigi* (recte: jigu) *segwiti l-awturi awtorevoli in materja li hassew il-htiega ta' "weighted average" f'dawn ic-cirkostanzi.*" Il-Qorti f'dik is-sentenza kienet accettat ir-rizultat tal-percentwali skond formola matematika li kienu segwew il-

[16] Prim Awla tal-Qorti Civili deciza nhar it-30 ta' Marzu 1993.

periti adizzjonali u peress li kienet skond il-gurisprudenza konsistenti. L-istess Qorti, in sostenn tal-htiega li ghandu jkun hemm *weighted average* f'kazijiet fejn tintilef il-vista minn ghajn wahda, kienet qabblet il-pozizzjoni li hadet mal-gurisprudenza Taljana u ccitat mis-sentenza fl-ismijiet **Butler v. Heard** is-segwenti silta:

"*Dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacità f'sens purament mediku, izda l-effett illi l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggat. Ir-riduzzjoni effettiva tal-qligh tista' ma tikkorrispondix mal-grad ta' menomazzjoni fizika tad-danneggat kalkolat mit-tabib.*"

**9.** Fis-sentenza **Gaspare Xuereb vs Sammy Meilaq et nomine**[17] l-ewwel Qorti kienet adottat il-metodu xjentifiku u qalet hekk:

"*Minn zewg decizjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell in re* ***Mikiel Refalo pro et noe v. Pawlu Curmi*** *(13/01/88), wara li din segwiet dak li ntqal in re* ***Albert Micallef v. Joseph Brockdorff noe****, deciza minn din l-Onorabbli Qorti fil-11 ta' Ottubru, 1976 u affermata fl-istess Qorti ta' l-Appell u mid-decizjoni tal-Prim'Awla in re* ***Joseph Abela vs Martin Spagnol****, deciza fit-30 ta' Marzu, 1993, ghandu japplika l-metodu xjentifiku biex wiehed jasal ghal grad ta' debilitazzjoni kemm jista' jkun korrett u gust:*

*""It is a fact well established by common experience that the visual efficiency of the individual is by no means reduced to one half (50%) by the complete loss of one eye, vision in the fellow eye remaining normal. Hence the necessity for a weighted average. The researches of the committee show that a weighing factor of 3 applied to the more efficient eye give an efficiency rating of the individual in substantial agreement with the consensus of technical judgement, such judgement being based on actual reproduction, comparison and relative evaluation of*

[17] Qorti tal-Appell, deciza 4 ta' Dicembru 1998. Ta minn jinnota li din il-Qorti – cioe` l-Qorti ta' l-Appell – kienet laqghet l-appell u rrevokat is-sentenza appellata fuq il-bazi tal-preskrizzjoni tal-azzjoni, u ma dahlet f'ebda mod fil-meritu ta' kif kienu gew likwidati d-danni mill-Prim Awla.

*various specific conditions of visual efficiency. The industrial efficiency of the individual is then computed as follows. To the percentage figure whivh has been determined as the industrial visual efficiency of the less efficient of the two eyes, three times the percentage figure that has been determined similarly for the more efficient eye is added, and the result is divided by 4. The quotient will be the percentage figure that expresses the industrial visual efficiency of the individual. Thus, if the individual efficiency rating of the injured eye is 40% and that of the fellow eye 100%, the visual efficiency of the individual will be found by the following formula:*

*(40 × 1) +/4 (u100 × u3) = 340 = 85%/4*

*"Individual industrial efficiency and compensation should be 15% of the amount for total permanent disability";*

*omissis*

*"Kif solitu jsir, din il-Qorti ma qaghditx fuq dan ic-certifikat, billi huwa ex parte u gie nnominat espert mediku indipendenti, li wasal ghall-konkluzjoni li l-ghajn tal-lemin ta' l-attur ghandha disabilità ta' 30%. Din hija certament materja prettament teknika u fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax raguni ghaliex m'ghandhiex toqghod fuq dak li sab u kkonkluda l-espert…*

*"Illi l-Perit Legali applika l-metodu xjentifiku li jissemma' fir-relazzjoni sabiex wasal ghall-konkluzjoni li l-attur kellu debilitazzjoni permanenti ta' 7½%.*"

**10.** Fis-sentenza **Paul Debono v. Malta Drydocks**[18] l-Qorti kienet qalet hekk:

*"… izda kwantu ghal ghajn wahda din kienet 10%. Evidentement din ir-rata ta' dizabilità trid tkun rikollegata u apprezzata fl-ambitu bijologiku shih tal-persuna;*

[18] Prim Awla tal-Qorti Civili, deciza 27 ta' April 2005.

*“Jidher li hu accettat f’kazijiet konsimili, fejn ghandek telf ta’ vizwali, illi wiehed ghandu jaghti piz debitu lill-konsegwenzi ta’ tali telf ta’ dawl minn ghajn wahda fuq l-‘individual industrial efficiency’ ta’ l-attur. Ara* ***Joseph Abela –vs- Martin Spagnol****, Qorti Civili, Prim Awla, per Imhallef J. Said Pullicino, 30 ta’ Marzu 1993;*

*“Ghal kaz bhal dan jirrizulta li l-Qrati taghna segwew t-tabellarju xjentifiku tal-‘weighted average’ biex jaslu ghal grad ta’ debilitazzjoni kemm jista’ jkun gust u korrett.*”

**11.** Hemm sentenzi ohra fejn intuza l-metodu xjentifiku: ara *inter alia* **Josef Farrugia v. Thomas Tanti**[19] u **Sylvia Degiorgio et vs Massimiliano Da Crema**[20].

**12.** Ghalhekk, konsistentement mal-principji u l-kriterji adottati mill-Qrati taghna kif esposti fil-paragrafi precedenti, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha b’mod partikolari r-relazzjoni tal-perit legali[21] kif ukoll ic-certifikat guramentat tal-espert mediku sabiex tara jekk il-formula matematika li ghaliha saret ir-referenza fis-sentenza **Abela v. Spagnol** tistax tinhadem biex tigi stabbilita l-percentwali. Issa, din il-Qorti ltaqghet mal-istess diffikoltà li sabet quddiemha l-ewwel Qorti. Skond ic-certifikat mediku a fol 314 insibu li Dr. Mario Tabone kkonkluda li hemm “*Disability: 30%”.* Peress li ma saritx eskussjoni biex jigi ccarat kif l-espert mediku wasal ghal tali percentwali u kemm hi l-*efficiency rating* tal-ghajn ix-xellugija, u lanqas gew mahtura periti addizzjonali, ma hemmx ic-certezza mehtiega ta’ kemm hi l-*efficiency rating* tal-ghajn ix-xellugija mehtiega sabiex tinhadem l-imsemmija formula. Ghalhekk, l-ewwel Qorti ghamlet tajjeb meta, fin-nuqqas ta’ certezza rizultanti mill-provi, ghazlet li tikkompara dan il-kaz ma’ kazijiet simili u fid-dawl tal-provi u d-diskrezzjoni taghha applikat il-percentwali ta’ sbatax fil-mija (17%). Ghalhekk, it-tieni aggravju tal-appellant biex tizdied il-percentwali ghad-debilità qed jigi respint.

[19] Qorti Civili, Prim Awla, 7 ta’ Lulju 2004.
[20] Qorti Civili, Prim Awla, 28 ta’ Jannar 2004.
[21] Ara paragrafu numru 100 a fol 161 tal-process.

<u>*Dwar l-Introjtu*</u>:

**13.** L-appellant jikkontendi, bazikament, li ghall-perjodu mill-1987 sal-2006 l-ewwel Qorti kellha tiehu kont tad-dhul *gross* tieghu u mhux dak *net*; u, fit-tieni lok, li ghall-perjodu ulterjuri ta' hmistax-il sena, l-ewwel Qorti kellha taghmel kalkolu fuq dhul annwu medju ta' Lm8,000 u mhux Lm6,663. Issa, meta giet biex tikkalkula l-kumpens, peress li mill-incident kien ghadda perjodu ta' ghoxrin (20) sena, l-ewwel Qorti ddistingwiet bejn id-dhul reali li l-appellant kien ircieva fis-snin 1989 sa l-2006 u d-dhul futur. L-ewwel Qorti rreferiet ghal, u haddnet, is-sistema ta' kalkolu adottata minn din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza fl-ismijiet **Darren Sammut v. Eric Zammit**[22]. F'dik is-sentenza din l-Qorti kienet firdet il-kalkolu tat-telf tad-dhul fejn l-introjtu kien cert u maghruf minn dak fejn kien jirreferi ghal dhul futur u incert.

**14.** L-ewwel Qorti wara li kkonfermat kemm kien id-dhul reali tal-appellant, ghamlet il-kalkolu taghha fuq dhul nett minn kwalunkwe taxxa u kontribuzzjonijiet ghas-sigurtà socjali. L-appellant izda lmenta li "*kellu jittiehed in konsiderazzjoni id-dhul gross tal-appellant minghajr ebda tnaqqis ta' taxxa jew hlasijiet ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali.*" L-appellant irrefera ghal diversi sentenzi bhal dik ta' **Josef Farrugia v. Thomas Tanti**[23] biex jenfasizza l-punt tieghu li skond il-gurisprudenza taghna ma jsir ebda tnaqqis ta' taxxa u sigurtà socjali. L-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, immotivat dan l-ezercizzju billi riedet tkun gusta mal-partijiet koncernati kollha u cioè kemm mad-danneggat kif ukoll ma' min ikkawza d-dannu. Qalet li hekk isir f'gurisdizzjonijiet barranin sabiex issir gustizzja u rreferiet ghas-sentenza Ingliza **British Transport Commission v. Gourley**[24] li kienet biddlet radikalment il-mod kif fl-Ingilterra kien jigi kkalkolat il-

[22] Deciza fit-3 ta' Dicembru 2004.
[23] Prim'Awla tal-Qorti Civili, per Imhallef Tonio Mallia, 7 ta' Lulju 2004.
[24] [1955] UKHL 4, 3 All E.R. 796 House of Lords (main report at [1956] AC 185). Ara nota *in calce* 13, *supra*.

kumpens f'kazijiet bhal dawn. Skond l-awturi Dias u Markesinis[25]:

"*Damages for loss of earnings in a personal injury action will not be taxed by the Revenue, but this was formerly held to be res inter alios acta as far as the defendant was concerned, so he had to pay the plaintiff's gross loss even though part of that included income on which tax would have been paid. Since* ***British Transport Commission v. Gourley****, however, the opposite rule prevails and the plaintiff is only entitled to recover his net loss. In Gourley's case the injured plaintiff was a high earner who, but for the accident, would have earned £37,000. Had he earned this sum he would have paid tax and in the end, he would have been left with £6000 net. The House of Lords reasoned that if the full sum had been paid it would not have attracted tax in the plaintiff's hands and he would thus be substantially better off than if he received this sum as earnings. The purpose of the tort action being compensation rather than the enrichment of the plaintiff, the House of Lords felt that the award for lost earnings should be reduced to the net loss*."

**15.** Din il-pozizzjoni li hadet il-House of Lords ma tiddistingwix bejn dhul reali u futur, izda tigi applikata b'mod generali. Minkejja li din il-pozizzjoni giet ikkritikata mhux ftit, "*the ultimate result, that someone who has lost a net sum should not be compensated for a gross sum, has thus come to be accepted*."[26] Fil-kaz *de quo*, l-ewwel Qorti fejn kellu x'jaqsam <u>mad-dhul reali</u> li l-appellant kien dahhal fl-imsemmi perjodu ta' bejn l-1989 u l-2006 fil-kalkolu li ghamlet hadet il-pozizzjoni li <u>min tilef dhul nett m'ghandux jigi kompensat ghal dhul gross</u>. Din il-Qorti taqbel ma' din il-pozizzjoni tal-ewwel Qorti u ghalhekk sejra taccettaha.

**16.** Fejn kien jirrigwarda d-dhul futur, izda, l-ewwel Qorti ma kinitx radikali daqs kemm kienet l-House of Lords fil-

---

[25] *Tort Law* (2nd edn., 1992) Oxford University Press pag. 537.
[26] Ibid.

kaz ta' **Gourley**. Hija strahet fuq il-pozizzjoni li hadu l-Qrati taghna f'kazijiet simili u kkalkolat il-bilanc li kien ghad fadal x'jigi kalkolat fuq l-ammont gross u cioè Lm6663 (illum bil-munita l-gdida ekwivalenti ghal €15520.61). L-ewwel Qorti ggustifikat din il-pozizzjoni li hadet u sostniet li m'ghandux ikun hemm tnaqqis tat-taxxa u kontribuzzjonijiet ohra ghax: "*hi tal-fehma li jekk il-kalkolu jsir fuq din ic-cifra jkun qieghed jinzamm bilanc bejn id-drittijiet tad-danneggjat u min hu responsabbli. Hu fatt li hawnhekk qeghdin fil-kamp ta' l-incertezza pero` wara li l-Qorti qieset is-salarju u dhul iehor li kellu l-attur matul dawn l-ahhar sitt snin, hi tal-fehma li kalkolu fuq din ic-cifra jkun ekwu u gust.*" L-appellant jilmenta, izda, li l-ewwel Qorti "*ma haditx in konsiderazzjoni illi l-pagi dejjem joghlew filwaqt li l-valur tal-lira dejjem niezel minhabba l-inflazzjoni.*" Huwa talab li "*fir-rigward tal-ahhar perjodu kalkolat ta' hmistax-il sena ghandu jsir kalkolu fuq dhul annwu medju ta' tmient elef Lira Maltin (Lm8000) u mhux Lm6,663.00.*" L-appellant ma ressaq ebda argument jew indika ebda dokument jew prova ohra in atti li jiggustifika kif wasal ghall-figura ta' €18634.99 (Lm8000). Din il-Qorti bhalma qalet f'kazijiet simili[27] tikkonsidra li fil-kaz odjern zieda bhal din ghall-gholi tal-hajja hi wahda ezagerata u mhux gustifikat, anke meta wiehed jikkunsidra li mill-2006 sal-lum m'ghaddiex hafna zmien, kif ukoll peress li l-ewwel Qorti meta hadet akkont id-dhul gross li kellu l-appellant, ma naqset ebda taxxa jew kontribuzzjoni tas-sigurtà socjali u sahansitra <u>inkludiet</u> l-*allowances* li kien qed jircievi l-istess appellant. Din il-Qorti, f'dak li ghandu x'jaqsam ma' kumpens ghal telf ta' dhul futur tal-appellant, taqbel mal-kalkolu tal-ewwel Qorti u ser taccettah. Ghalhekk it-tielet aggravju tal-attur qed jigi wkoll respint.

## <u>Decide</u>

**17.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, prevja li tichad l-appell tal-attur, tikkonferma *in toto* is-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu mill-appellant.

---

[27] Ara **Lawrence Bugeja et v. Anthony Coreschi et**, Qorti ta' l-Appell, 30 ta' April 2009.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------